MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 806/2011

**Stephen Azzopardi u Kenneth Joseph Azzopardi**

**Vs**

**E & G Limited, Charles sive Carmel Mangion u Carmen Mangion**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas lura ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u sitta u disghajn ewro (23,296) bhala rifuzjoni ta’ depozitu mhallas fuq konvenju li ffirmaw fid-29 ta’ Jannar 2010. L-oggett tal-konvenju kienu tlett appartamenti fi zvilupp li kellha taghmel il-kumpannija. L-atturi jippretendu li l-konvenuti huma responsabbli in solidum. Ir-rikors guramentat sar skond il-procedura kontemplata fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tant li l-atturi talbu li jkun hemm id-dispensa tas-smiegh.

Fis-seduta tal-lum hadd mill-konvenuti ma talab li jinghata l-opportunita li jiddefendi ruhu billi jipprezenta risposta guramentata, u pprezentaw nota li fiha ddikjaraw li *“..... jammettu t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat.”*. Fl-istess waqt id-difensur tal-konvenuti rrileva verbalment li l-konjugi Mangion ma jistghux jigu kundannati jhallsu *in solidum* mal-konvenuta l-ohra, peress li ghalkemm iggarantew ir-rifuzjoni l-obbligazzjoni m’hijiex in solidum. Fil-konvenju l-klawzola relattiva taqra li l-konjugi Mangion qeghdin jidhru f’isimhom proprju u *“…..jiggarantixxu illi f’kaz illi tkun dovuta xi depozitu/depoziti lura mill-kumpannija bejjiegha lix-xerrejja, allura huma jidhlu garanti ghal tali rimbors ta’ depoziti.”*.

L-Artikolu 1089 jipprovdi li s-solidarjeta tehtieg ftehim espress jew ghandha tirrizulta mil-ligi.

Skond ma ddikjara Carmel Mangion, il-kumpannija m’ghandix gid u l-uniku negozju li ghamlet kien konvenju biex takkwista l-art fejn kellu jinbena blokk appartamenti li fih l-ahwa Azzopardi kienu ser jixtru tlett appartamenti. Madankollu n-negozju ma mmaterjalizzax. Jidher li hemm qbil li l-att finali ma setax isir ghaliex il-kumpannija konvenuta ma kenitx xtrat l-art fejn kellu jsir l-izvilupp.

Ghalkemm *prima facie* mill-atti u minghajr ma nstemghu provi, jidher li legalment il-konjugi Mangion ghandhom argument biex jopponu t-talba li jigu kundannati solidalment, il-qorti hi tal-fehma li ammissjoni ma tistax tkun soggetta ghal kondizzjoni. Gialadarba l-konvenuti ammettew it-talba kif maghmula fir-rikors guramentat, ma jistghux fl-istess nifs iressqu argumenti biex jiddefendu ruhhom kontra t-talba tal-atturi. Jekk riedu jopponu t-talba kellhom jitolbu li jinghataw l-opportunita  jipprezentaw risposta guramentata. Jew qieghed tammetti jew tikkontesta t-talbiet kif maghmula fir-rikors guramentat. Ladarba ghazlu t-triq tal-ammissjoni ma jistghux iressqu argumenti, huma x’inhuma, li b’xi mod jistghu jwasslu ghal xi decizjoni li ma tintlaqax it-talba kif maghmula mill-atturi fir-rikors guramentat.

F'kull kaz l-argument hu biss ta' interess akkademiku ghaliex kif iddikjara Mangion il-kumpannija m'ghandha l-ebda gid. Mela ghandna kumpannija li m'hijiex solvibbli u li ghalhekk il-garanti zgur li ma jistax jipprova jiddefendi ruhu billi jsostni li fl-ewwel lok ghandha ssir l-eskussjoni tad-debitur principali (ara Artikolu 1935 tal-Kap. 16). Ghalhekk fir-realta' xorta l-garanti ser ikollu jaghmel tajjeb.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u sitta u disghajn ewro (€23,296) bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------